# ANTON BUTTIGIEG

## *In-Nisel u l-Bidu tiegħu u s-Salib fil-Ħajja tiegħu*

## *Tifkiriet u Ħsibijiet ta' ANTON CASSAR*



**Il-ħabib tiegħi Mario Azzopardi, xi ġimgħat ilu staqsieni: "Din is-sena ma terġax tagħtina xi artiklu ieħor minn tiegħek għall-Ktieb tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun?" U jiena għidtlu: "Fuqhiex se naqbad nikteb issa fuq il-Ħamrun?!" Iżda f'daqqa waħda ġieni ħsieb u għidt lil Mario: "Niktiblek kitba ta' tifkiriet u ta' apprezzament lil wieħed mill-Presidenti l-iktar illustrati li qatt kellu l-Każin tal-Banda tagħkom ta' San Gejtanu. Nikteb artiklu fuq Anton Buttigieg."**

**Anton Buttigieg kien avukat ta' ħila, politiku li serva lil pajjiżu bħala Membru Parlamentari u bħala Ministru u mbagħad wasal biex sar ukoll President ta' Malta, imma fuq kollox, Anton Buttigieg kien poeta. Kien kittieb ta' valur fil-letteratura Maltija.**

### *Meta smajt l-ewwel darba b'ismu*

Jiena ltqajt l-ewwel darba ma' l-isem ta' Anton Buttigieg fil-bankijiet ta' l-iskola fis-seminarju ta' Għawdex u fis-seminarju ta' Malta meta kont qrajt xi poeżiji tiegħu fil-ktieb *'Ward ta' Qari Malti'*, li kienu ħarġu għall-iskejjel il-Professur Ġużè Aquilina u l-Professur Mons. Dun P.P. Saydon. Kont qrajt ukoll xi poeżiji tiegħu fir-rivista "Il-Malti" tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fejn Anton Buttigieg kien ukoll mhux biss Membru Akkademiku tagħha, imma kien ukoll fil-Kumitat tagħha, fi żmien meta l-president tagħha, kien il-poeta Dun Karm Psaila.

Meta kont għadni suldat fl-R.M.A., fi żmien il-gwerra, fl-aħħar tagħha, fl-1945, kont xtrajt l-ewwel ktieb ta' poeżiji li kien ħareġ Anton Buttigieg *"Mill-*

*Gallerija ta' Żgħożiti".* Dawn il-poeżiji ta' Anton Buttigieg kienu laqtuni għall-ħlewwa tagħhom u għas-sbuħija u għar-romantiċiżmu tagħhom u kienu jitkellmu l-iktar fuq ħwejjeġ tal-ħolqien, tal-ġonna, tar-raba' u ta' l-għelieqi, fl-inħawi tar-raħal tal-Qala, fejn twieled u trabba l-poeta, meta kien għadu żgħir u kienet laqtitni il-poeżija tiegħu *"Iż-Żebbuġ ta' Għawdex"*, ma nafx forsi għax jiena wkoll imnissel minn dan ir-raħal. Anton Buttigieg jgħanni hekk:

*Jiena mort kull naħa t'Għawdex*
*imbarra miż-Żebbuġ.*
*naf biss l'hemm nies għaqlija*
*jitħabtu mal-maħluġ,*
*l'hu raħal, l-ogħla f'Għawdex,*
*is-sħab imiss mad-djar,*
*in-nies f'taqliba ħarxa*
*jitbegħdu mill-kampnar.*



**Anton Buttigieg, tifel fuq siġġu flimkien ma' ommu u ħutu fl-ewwel ritratt li ħa.**

Issa mill-Qala għaż-Żebbuġ hemm ġibda sewwa, imma ż-żewġ irħula għandhom is-sbuħija u seħer tagħhom u donnu meta l-poeta wasal qrib il-muntanja tal-Gelmus, donnu qata' nifsu u qata' qalbu u qabad triq oħra, għax fl-istess poeżija jgħanni:

*Oh! x'niżla Gelmus ħaffer*
*bil-fies ta' l-ilmijiet!*
*Oh! x'telgħa mwiergħa taqta'*
*in-nifs tal-ġolfijiet!*
*Nitilqu għal triq oħra,*
*Għawdex kollu ħlewwiet*
*l-aktar meta s-Sajf jislef*
*tbissimitu lix-xtajtiet!*

## *Meta ltqajt l-ewwel darba ma' Anton Buttigieg*

F'Mejju tal-1946, jiena dħalt fl-istaff tal-ġurnal *"Il-Berqa"* u kienu ma damux ma tawni nieħu ħsieb il-Paġna Letterarja ta' dak il-ġurnal. Niftakar li f'dik is-sena stess kont ktibt u xandart artiklu jismu "Anton Buttigieg, Poeta

tan-Natura", u kont ktibt dwar il-poeżiji tiegħu miġbura fil-ktieb tiegħu *"Mill-Gallerija ta' Żgħożiti"*. Anton Buttigieg, dik il-ħabta kien qiegħed ikun akklamat fl-iskejjel u fiċ-ċirkoli letterarji bħala l-Poeta tan-Natura u l-Wordsworth Malti.

Issa Anton Buttigieg f'dan iż-żmien kien jirrapporta l-kawżi tal-Qorti għat-*Times of Malta,* fejn għamel mill-1944 sal-1948, bħala Law Reporter. U niftakar li meta deher l-artiklu tiegħi fi *"Il-Berqa"*, dwar il-poeżija tiegħu, kien ġie l-uffiċċju tagħna ta' *"Il-Berqa"* u kien feraħli għall-artiklu li qal li kien għoġbu.

F'dak l-artiklu, jiena dak iż-żmien (48 sena ilu) kont qiegħedt lil Dun Karm bħala l-kewkba l-iktar sabiħa li kienet qatt dehret fis-sema letterarju Malti, li kien beda dan il-Moviment poetiku u warajh kienu mxew bosta żgħażagħ ta' dak iż-żmien, fosthom Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo, Ġużé Chetcuti u Anton Buttigieg, biex ma nsemmux oħrajn li kienu bdew jiktbu qabel jew fl-istess żmien bħal Patri Atanasju Cuschieri, O.C., Patri Ġużepp Delia, S.J. u Rużar Briffa. U kont ktibt dak iż-żmien li ma setgħax wieħed jgħid kif ġieb u laħaq min minnhom kien jersaq l-iktar lejn l-Imgħallem, għax ilkoll huma tajbin fl-istil tagħhom u l-erba' għandhom individwaliżmu sħiħ.

Imma għalkemm Anton Buttigieg kellu diversi ħidmiet oħra f'ħajtu, speċjalment dik ta' politiku li ħaditlu ħafna ħin u saħħa, xorta waħda baqa' dejjem kittieb u poeta u x-xogħol li ħallielna huwa ta' valur li jibqa' għal dejjem. Anton Buttigieg kien jikteb il-poeżiji tiegħu, kull fejn ikun, kull fejn kienet tiġih il-muża, waqt laqgħa tal-Parlament, waqt laqgħa internazzjonali barra minn Malta, kull fejn kien ikun.

Meta ktibt dak l-ewwel artiklu tiegħi fuq Anton Buttigieg kont għidt li fil-poeżija tiegħu kellu l-mużika tal-kelma u kwadri sħaħ ta' pittura bil-kliem u xtaqt hawnekk nieħu siltiet mill-poeżija tiegħu biex aħna lkoll nerġgħu nisimgħu din il-mużika u naraw dawn il-kwadri ta' pittura.

Mill-poeżija "Rancis":
*.....Ix-Xitwa riedet tagħmlu*
*il-kwiekeb tal-widien;*
*il-ġlejjeb tiegħu safja*
*ġwejda fl-irdumijiet*
*taħsibhom djar fuq l-iġbla*
*fejn jgħammru s-sorijiet.*

U dawn il-versi mill-"Għanja lill-Provenz":
*U mbagħad kif taħsel int u tiskot ġwejjed*
*dlonk toħroġ tfajla ħelwa bil-kannestru,*
*twaħħal mal-frieghi u maż-żargun nadifa*


**Id-dar tal-Qala fejn twieled u għadda tfulitu Anton Buttigieg.**

*werqiet ħadrana,*
*Daqs il-ġawhar ħelwin li l-mewġ mar jinseġ*
*tul elfejn sena, twaħħal nwar u żahar,*
*donnhom ta' friefet bojod geġwiġija*
*fil-ġnien jittajru....*

Imbagħad isimgħu din il-mużika li Anton Buttigieg isemmagħlna bil-kliem imqiegħed flimkien fil-poeżija tiegħu u l-kwadru ħaj li hu jqiegħed quddiem għajnejna fil-poeżija tiegħu "Għanja lill-Qamar":

*..... U kollok sieket smajt ir-raxx iħaxwex*
*fil-ħaxix niexef, smajt għanja qasira*
*minn fomm l-imwieżeb, u mill-wizz imxarrba*
*għajta ta' ħarba*

*U malli siktet ftit tax-xita l-bexxa*
*b'pinzell li ma jidherx u b'lewn il-fidda*
*ħażżejt iċ-ċnut tal-bjut, il-blat u l-friegħi*
*tas-siġar kollha;*

U araw din il-pittura bil-kliem fil-poeżija ta' Anton Buttigieg:

*......Jien naf lill-Qamar, is-saħħar tal-ljieli*
*li jqabbad l-ilmijiet u fuq kull weraq*

*jixgħel djamant.*
U din minn "Il-Grillu"
*Kif jisbaħ il-parsott li sar u xxaqqaq*
*iqum minn fommu jliegħeb għasel bnin;*
*u fit-tuffieħ bajdan li beda jonfoħ*
*jidhru wardiet imfaqqa' u ħamranin*
*u fl-għerq tal-qara' mxabbat ma' ħadida*
*tan-nida qalb il-qtar tfiġġ kewkba ġdida.*

## In-Nisel u l-Bidu tal-Poeta

Meta ġejt biex nagħmel din il-kitba ridt immur lejn in-nisel u l-bidu tal-poeta u fittixt fil-librerija tiegħi l-ewwel ktieb tiegħu "Mill-Album ta' Ħajti", u ma sibtux. Insejt li kont sliftu lil xi ħadd u ma reġax lura, bħalma jiġri dejjem. Għalhekk ċempilt lil ibnu, Dr. John Buttigieg, il-President tal-Każin tal-Banda ta' San Gejtanu, biex nara għandux xi kopja u qalli iva u tlajt għall-ktieb fid-dar tiegħu l-Ħamrun.

U qallibt u qrajt kif trabba meta kien żgħir f'dak ir-raħal sabiħ tal-Qala, f'dar ċkejkna rżina, bin Ċetta u Salvu Buttigieg li kien ibaħħar, tant li lil Anton Buttigieg, in-nies tar-raħal tiegħu kienu jsibuh Toni tal-Baħri, kif baqgħu jsibuh dejjem ukoll meta sar President ta' Malta.

U mbagħad qrajt il-kapitlu li jitkellem dwar l-iskola fejn mar, kemm fil-Qala, li dak iż-żmien kienu xi erbat ikmamar quddiem il-knisja, imbagħad fl-Iskola tan-Nadur u wara fis-Seminarju, ir-Rabat, Għawdex. Hawnhekk Anton Buttigieg isemmi l-ewwel ritratt li kien ħa ta' tifel, liebes il-libsa tal-bellus aħdar, flimkien ma' ommu, ma' ħuh u ma' oħtu Marija. Lilu kienu poġġewh fuq siġġu. Ir-ritratt ittieħed minn Giuseppe Cassar, minn Għajnsielem, li wara kien ġie Malta, il-Ħamrun, fejn sar wieħed mill-fotografi l-aktar popolari ġewwa Malta. Dan ir-ritratt jidher fil-faċċata tal-kopertina tal-ktieb tiegħu*Mill-*

Luciano
Pizza-Pasta
21/22T, Merchants Street, Valletta VLT 10
Tel: 23 62 12

*Album ta' Ħajti.*

## *Kitba li qanqlietli nostalġija*

L-iktar parti li ħadt pjaċir naqra f'dan il-kapitlu kienet dwar iż-żmien li Anton Buttigieg għamel fis-Seminarju ta' Għawdex, fejn jien kont għamilt wkoll stit snin bħala student intern u din il-parti qanqlietli ċerti tifkiriet u nostalġija. Anton Buttigieg kien is-Seminarju ta' Għawdex ftit snin qabli u tista' tgħid li s-Superjuri, il-professuri u l-għalliema l-oħra kienu l-istess.



**Anton Cassar qed jagħmel id-diskors fil-kxif tal-Monument lil Anton Buttigieg fil-Blata l-Bajda.**

Fost oħrajn, Anton Buttigieg isemmi lill-Arċisqof Mikiel Gonzi, li darba waħda mar iżur il-klassi tiegħu fis-Seminarju u kien ġiegħlu jikkonjuga l-verb Latin *Video,* u kien ħa żball għaliex flok *vidi* kien qal *visi.* U Dun Salv ta' Pixwa kien qal lill-Isqof li kienu għadhom ma għamlux il-verbi. Iżda Anton Buttigieg kien diġà rahom qabel fil-ktieb tiegħu.

Anton Buttigieg jgħid f'dan il-kapitlu, li bħala tifel tas-Seminarju kien ra l-ingress ta' l-Isqof Gonzi fil-Katidral ta' Għawdex. Huwa jikteb hekk:

*"Għadni niftakar tajjeb l-ingress ta' l-Isqof Gonzi fid-djoċesi ta' Għawdex. Għadda l-lejl fil-kunvent tal-Kapuċċini fit-triq ta' Marsalforn, filgħodu telaq minn hemm bil-karozzella b'żewġ żwiemel, u fit-Triq tat-Tiġrija, ħdejn is-Salib, niżel u rikeb fuq debba bajda liebes il-mitra u kappa bajda. Riedet tkun debba bajda bil-fors dik li jirkeb l-Isqof fl-ingress u wara, dik id-debba ma kellhiex taħdem u ġġorr xejn, u għalhekk l-Isqof kien irid joħorġilha tant kuljum għall-għajxien. Kien diffiċli li ssib debba bajda, imma fl-aħħar sabu waħda għand Anġlu l-Qutu miż-Żejtun, ġuvni li sar għani bil-bosta bil-kuntratti li kien jieħu mingħand is-Servizzi Ingliżi. Xi żewġ kbarat li ma niftakarx min kienu, żammew riedna kull wieħed u Anġlu kien ħdejn rasha jmellisha li ma tmurx tonfor..."*

Issa dawk iż-żewġ kbarat li Anton Buttigieg, ta' tifel, ma kienx jaf min kienu, isemmihom Sir Arturo Mercieca fil-ktieb tat-tifkiriet tiegħu *Le Mie Vicende*, fejn jgħid: *"L-isqof il-ġdid ta' Għawdex Dr. Michele Gonzi għamel l-ingress pastorali tiegħu fil-Katidral fil-10 ta' Awissu (1922). Jiena kont qiegħed Għawdex għall-vaganzi tas-Sajf u kelli l-unur li flimkien mal-Kap tal-Ministeru, Dr. Buhagiar, li nżomm ir-riedni tad-debba bajda li fuqha Mons. Gonzi tela' riekeb taħt baldakkin kbir fil-purċissjoni solenni sal-Katidral skond*

*drawwa qadima ħafna."*

## L-għalliema tas-Seminarju

Fost l-għalliema tas-Seminarju li Anton Buttigieg isemmi fil-ktieb tiegħu ta' tifkiriet, hemm Dun Luċjan Debono, mix-Xewkija li kien jgħallem it-Taljan fis-Seminarju. Għal Dun Luċjan, huwa għandu kliem sabiħ ħafna. Dwaru jikteb hekk:

*"Kien jistmani u jħobbni ħafna u bqajna dejjem ħbieb sal-lum. Kull meta jiġi Malta jiġi jarani u kien imur anki jara lil ommi l-isptar. Min jaf kemm ħadni miegħu niekol u nixrob fil-villeġġjatura li kellu fl-Imġarr, Għawdex u kemm għomna flimkien fiż-Żewwieqa. Kien qassis serju, kuxjenzjuż u skrupluż. Dejjem ma tantx f'saħħtu, imma bid-dieta li kien iżomm irnexxielu li jgħix ħafna iżjed minn sħabu li kienu jbiegħu s-saħħa."*

Dun Luċjan kien il-prefett tiegħi, fis-Seminarju ta' Għawdex u kien ukoll jgħallimni t-Taljan. Meta kbirt u kont immur Għawdex, inqatta' xi ħmistax fil-lukanda "Royal Lady", l-Imġarr, jiena wkoll, bħal Anton Buttigieg kont niltaqa' ma' Dun Luċjan, li kien imur jgħum iż-Żewwieqa. Minnu li qal Anton Buttigieg, li Dun Luċjan kien daqsxejn waħda delikat f'saħħtu. Qabel norqdu, fid-dormitorju, niftakru, kien dejjem iħawwad f'tazza xi mediċina u jixrobha. U meta konna mmorru passiġġata fil-kampanja, lilna l-istudenti kien iġiegħlna naqtgħulu ħaxixa li kienet tikber bil-weraq ċatta ma' l-art, li kien isejħilha bit-Taljan *erba stella,* li kien jgħalliha u jixrobha għall-istonku.

## Fis-Seminarju beda jikteb il-poeżija bil-Malti

Anton Buttigieg jgħid li fit-Terza tas-Seminarju bdiet iżżuru l-Muża u beda jikteb il-poeżiji bil-Malti. Fil-klassi miegħu, kien hemm ukoll fis-Seminarju ta' Għawdex, il-Professur Ġużè Aquilina, li kien trabba ma' zitu l-Munxar u kienu tkellmu fil-klassi dwar il-kitba tal-poeżija.

Fil-kwarta, Anton Buttigieg kellu, bħalma kellna aħna fi żmienna, bħala Surmast tat-Taljan lill-Monsinjur Paolo Cauchi, li kien ukoll Rettur tal-Knisja ta' l-Adorazzjoni perpetwa, f'Ta' Savina, ir-Rabat. Bħalma qal tajjeb Anton Buttigieg, Mons. Cauchi kien jaf it-Taljan tajjeb, imma kien jaf ukoll il-Malti u kien jikteb ukoll bil-Malti. Kien joħroġ rivista kull xahar jisimha "Santa Rita". Mons. Cauchi, mbagħad iktar tard fis-snin, wara li kien qara l-poeżija ta' Anton Buttigieg fl-ewwel żewġ kotba tiegħu *Mill-Gallerija ta' Żgħożiti u Fanali bil-lejl,* kien kitiblu poeżija ta' apprezzament li ddedikaha "Lil Dr. Anton Buttigieg, Poeta kbir Malti b'għelm ta' ħbiberija".

Issa, dan Mons. Dun Pawl Cauchi, flimkien ma' kittieb u grammatiku ieħor Għawdxi, Ġanni Vella u l-Avukat Dr. C. Micallef kienu jirrappreżentaw lil Għawdex fil-Kummissjoni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti), li kienet twaqqfet fl-1921 u li kienet ħejjiet u ħarġet

"It-Tagħrif fuq il-Kitba bil-Malti".

## *It-tagħlim ta' l-Ingliż fis-Seminarju ta' Għawdex*

Dwar it-tagħlim ta' l-Ingliż fis-Seminarju ta' Għawdex, Anton Buttigieg jilmenta u jgħid li kien orribli. Fi żmieni l-qagħda kienet tjiebet xi ftit, meta kienu ġew jgħallmu l-Ingliż, barra Ruggier Scicluna, il-patri Franġiskan, Fr. Bernard Hersey u l-Ġeżwita Ingliż, Fr. Mills.

Mill-kwarta, meta kellu sittax-il sena, Anton Buttigieg, telaq mis-Seminarju ta' Għawdex u beda jitgħallem fil-kulleġġ ta' San Alwiġi ta' Birkirkara. Missieru kien sab jimbarka fuq vapur stazzjonat Malta u għalhekk il-familja ġiet toqgħod Malta u mbagħad daħal l-Università u sar avukat. Imma dwar is-Seminarju ta' Għawdex, Anton Buttigieg kellu dan ukoll xi jgħid: *"Ma tantx nista' ngħid li mis-Seminarju ħriġt xmara ta' għerf. Imma li kellhom tawhuli. U Alla ħares ma kienux huma. Il-Knisja riedet tkun għalina biex nitgħallmu. Li kien għall-Gvern Ingliż li kien jaħkem pajjiżna bqajna bħall-mogħoż kif kienu jsejħulna. Ta' din l-edukazzjoni żgħira kemm hi żgħira, jiena niżżi ħajr lill-Knisja minn qiegħ qalbi."*

## *Ħajja ta' Ħidma Sħiħa*

Meta ommu u missieru ġew Malta, ġew joqgħodu l-Ħamrun u nistgħu ngħidu li Anton Buttigieg għamel il-Ħamrun, it-tieni belt tiegħu u t-tieni dar tiegħu, minn fejn ħadem għall-familja tiegħu, għall-għaqda li kien tant iħobb, l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu u għal pajjiżu.

Mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' Carmen Bezzina, mill-Ħamrun, Anton Buttigieg kellu tliet itfal, John, Rose u Emanuel. Serva bħala Spettur tal-Pulizija fi żmien il-gwerra, kien ġurnalista u editur tal-"Voice of Malta" u kien ukoll Aġent Maġistrat. Kien elett għall-ewwel darba bħala Membru tal-Parlament fl-1955 f'isem il-Partit Laburista, li tiegħu kien ukoll President. Meta l-Partit Laburista kien reġa' ħa l-Gvern fl-1971, l-Avukat Buttigieg kien maħtur Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament. Kien irriżenja minn dawn il-karigi meta fl-1976, kien elett mill-Parlament bħala t-tieni President tar-Repubblika ta' Malta.

Anton Buttigieg fil-Għaqda tal-Mużika ta' San Gejtanu kien is-suċċessur tas-Sur Robert Bencini, li għamel l-itwal żmien bħala President ta' din is-Soċjetà. Is-Sur Bencini kien inħatar President fl-1924 u talab li jirtira minn din il-kariga minħabba saħħtu fl-1955.

F'din l-istess sena (1955), Anton Buttigieg inħatar President tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu u dam imexxiha b'għaqal u b'imħabba sakemm miet fil-5 ta' Mejju tal-1983, fil-għomor ta' 71 sena, wara marda qasira. Jiena attendejt għall-funeral statali li kien sarlu kemm bħala President tal-Banda

Trinità Qaddisa tal-Marsa kif ukoll bħala ħabib.

## *Fis-Soċjetà tiegħu u f'pajjiżu ġieb il-poeżija u l-paċi*

Fi ħdan is-Soċjetà tal-Mużika ta' San Gejtanu, Anton Buttigieg ġieb il-poeżija u fi ħdan il-Ħamrun il-paċi. Bħall-predeċessur tiegħu, is-Sur Robert Bencini għalkemm bħalu kien ukoll politiku, iżda fis-Soċjetà tal-Banda qatt ma daħħal il-politika. U nistgħu ngħidu li Anton Buttigieg mexxa l-Għaqda tal-Mużika ta' San Gejtanu b'dinjità u b'serjetà, fl-iktar żminijiet diffiċli.

Sena biss wara li nħatar President, jiġifieri fl-1956, il-Banda San Gejtanu iċċelebrat għeluq il-50 sena mit-twelid tagħha u Anton Buttigeg iddedika lill-Banda San Gejtanu, waħda mill-poeżiji tiegħu, li huwa xieraq li hawnhekk inġibu din il-poeżija sħiħa u kollha kemm hi għax għandha tifsir kbir:

*Orpheus għadda mat-triqat tal-Greċja*
*idoqq ħlewwiet tal-għaġeb bis-suffara,*
*u kaxkar għal warajh tad-daqq bis-seher,*
*il-blat u s-siġar u l-għargħar tax-xmara.*

*Ja Banda "San Gejtanu" bħal Orpheus*
*għaddejt timmarċja mat-triqat Maltija*
*u miegħek int kaxkart, mhux blat u siġar,*
*'mma l-qlub li għandhom fihom l-armonija.*

*Ja Banda "San Gejtanu" ssokta l-mixja,*
*naddaf il-qlub bid-daqq, naqqihom sewwa*
*mill-korla, mill-mibegħda u l-ebusija,*
*u mliehom kollha ġmiel u sliem u ħlewwa;*

*Issokta miexja bla ma qatt tixjieħ,*
*sakemm tħobb biss it-Tajjeb u s-Sabiħ.*

Nistgħu ngħidu li l-Avukat Anton Buttigieg, bħala President tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu u l-Avukat A. Rutter Giappone, bħala President tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun, kienu taw eżempju lil Malta meta kien irnexxielhom iġibu l-għaqda u l-ħbiberija bejn iż-żewġ każini tal-baned u l-paċi fil-Ħamrun. Dun Frans Camilleri, Direttur Spiritwali tal-Banda San Gejtanu kien ħadem ħafna wkoll għall-paċi bejn iż-żewġ soċjetajiet u kien ferħan u sodisfatt b'dak li kien intlaħaq, tant li fil-ktieb tal-banda San Gejtanu tal-1986 kien kiteb: *"L-imġieba tajba u l-ħbiberija bejn iż-żewġ kumitati, li huma maturi u jafu jorganizzaw, ħolqu fil-Ħamrun atmosfera li m'hemmx bħalha f'Malta kollha."*

Għalkemm minn dak iż-żmien sal-lum kellna wkoll xi inċidenti, li wħud

minnhom kienu serji, iżda kollox ma' kollox, bil-ftehim li reġa' ntlaħaq bejn iż-żewġ soċjetajiet, naħseb li l-poplu tal-Ħamrun laħaq ċerta maturità u serjetà li bihom jibqa' jkollu waħda mill-isbaħ festi ta' Malta u naħseb li ta' dan għandna għax inroddu ħajr lil dawk kollha li ħadmu fl-imgħoddi u dawk li qed jaħdmu llum, biex il-paċi u l-ħbiberija tibqa' ssaltan fost il-poplu Ħamruniż.



Il-Bust ta' Anton Buttigieg, inti u dieħel il-Qala.

## *Bniedem ta' moral u entużjażmu kbir*

Anton Buttigieg kien bniedem ta' fibra morali qawwija u kellu entużjażmu bla qies. Kien bniedem ta' onestà u integrità. Dawn id-doti fil-karattru tiegħu għenuh iħabbat wiċċu mal-baħar imqalleb tal-ħajja u mal-battalji politiċi li huwa wettaq fil-karriera politika tiegħu.

Anton Buttigieg ha sehem f'diversi kungressi u konferenzi internazzjonali bħala rappreżentant tal-Partit tal-Ħaddiema. Kien kellem lill-Kumitat tal-24 nazzjon tal-Ġnus Magħquda fuq il-Kolonjaliżmu f'Mejju tal-1964. Kien ha sehem fil-Konferenzi li kienu saru f'Londra dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta fl-1958 u fl-1963. Kien il-konsulent legali ewlieni tal-Partit tal-Ħaddiema u fassal diversi emendi għall-abbozz tal-Kostituzzjoni ta' Malta; għamel l-ewwel kawża fil-Qrati ta' Malta dwar id-drittijiet tal-Bniedem u mexxa wkoll l-ewwel kawża li saret dwar id-drittijiet tal-Bniedem fil-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

Anton Buttigieg ra ħafna f'ħajtu. Tilef l-ewwel mara tiegħu, Carmen Bezzina li ħallietu bi tliet itfal u t-tieni mara li ħa, Connie Scicluna, kienet mietitlu f'disgrazzja tat-traffiku ġewwa Londra. Bdanakollu fost dan it-taħbit u t-toqol tal-ħajja, Anton Buttigieg baqa' dejjem seren, jaħdem u jaqdi dmirijietu sewwa u kien uman u kien jifraħ man-nies, u għalkemm bid-dulur f'qalbu ma kien idejjaq lil ħadd.

Fis-Snin Sittin hu kellu villeġġjatura f'Buġibba, fi Triq San Luqa, u jien kelli oħra fi Triq Sant'Antnin, iktar 'l isfel, u biex immur id-dar kont irrid ngħaddi minn quddiemu. Hu kien ikun bil-qiegħda fil-bieb jitkellem u min jaf kemm-il darba kien joħroġli siġġu u noqogħdu nitkellmu fuq politika, fuq letteratura, fuq Malta, fuq is-Seminarju ta' Għawdex, fuq kollox.

## *Konna niltaqgħu wkoll il-Ponta ta' Buġibba*

Xi drabi kien jinżel ħdejn il-ħanut ta' Anġlu li dak iż-żmien konna nsibuh

tal-O.K. Bar ta' Birkirkara, imma llum għandu l-Qawra Palace Hotel. U hemm, ħdejn il-ħanut ta' Anġlu, f'dik il-kantuniera li konna nsejħulha l-Ponta, konna niltaqgħu u kien ikun hemm Pawlu Carachi li kien jiġi villeġġatura wkoll u konna nkunu ġemgħa sewwa u Anton Buttigieg fostna, u hu kien iħobb u kien jieħu pjaċir jitkellem.

Kienu żminijiet diffiċli, żminijiet ta' battalji politiċi kbar. Malta kienet qed tiġġieled u toqrob lejn il-ħelsien tagħha. Imma għalkemm il-battalji politiċi kienu qliel, ma naħsibx li kien hemm ħdura jew mibegħda kbira. F'dak iż-żmien il-Gillieru ta' San Pawl il-Baħar kien kabbar u sebbaħ il-post tiegħu u meta ġie biex jinawgurah kien stieden lil kulħadd. Kien hemm naturalment fost oħrajn, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. Ġorġ Borg Olivier u d-Deputat Mexxej tal-Parti Laburista Dr. Anton Buttigieg. Jiena kont mistieden bħala ġurnalista u wara li kulħadd kien kiel u xorob u n-nies bdiet tbatti, imma dejjem jibqgħu dawk li jkunu jridu jieħdu dik il-qatra ta' l-aħħar. U l-ħaġa mbagħad saret informali u fost dawk li baqgħu l-aħħar kien hemm Ġorġ Borg Olivier u Anton Buttigieg u l-ħaġa tant saret informali li dawn iż-żewġ politiċi li politikament kienu opposti għal xulxin, intasbu bil-qiegħda ma' mejda u bdew iqabblu u jgħannu għana spirtu pront lil xulxin, fost l-isbaħ atmosfera ta' ħbiberija u kordjalità.

## *Poeżija sabiħa lil Ommu*

Ma ngħoddhomx il-laqgħat u l-kuntatti li kelli f'ħajti ma' Anton Buttigieg, imma wieħed fost oħrajn li kien ferm laqatni u qanqalni, kien meta bagħtli poeżija biex tixxandar fil-ġurnal "l-orizzont" għal Jum l-Omm tal-1975. Din il-poeżija huwa ddedikaha lil ommu li kienet għalqet 90 sena. L-oriġinal ta' dik il-poeżija żammejtu u għadu għandi u jinsab fi gwarnić, imdendel fl-istudju tiegħi. U nixtieq li nġib hawnhekk dik il-poeżija kollha kemm hi, li hi ġawhra ta' poeżija Maltija:

## *Lil Ommi*

li fit-8 ta' Diċembru, 1974 għalqet 90 sena.

*Ma,*
*meta jien ġibtlek*
*il-ferħ ġewwa darek,*
*ilqajtu bil-ħlewwa;*
*id-deheb li ġibtlek*
*ilbistu f'subgħajk u f'għonqok,*
*u ddandant bih!*
*'Mma meta ġibtlek*
*id-dulur f'darek*
*xorta inti lqajtu bil-ħlewwa;*

*id-dmugħ t'għajnejja*
*għamiltu kullana ma' għonqok,*
*għamiltu fosos*
*fiċ-ċrieket t'idek;*
*it-tliet uliedi ltiema*
*li ġibtlek ġewwa darek*
*għożżejthom*
*daqs l-aqwa teżor.*

## Il-wirt Spiritwali li ħallielna

Ħassejtni ferm onorat meta l-Kummissjoni Tifkira Anton Buttigieg kienet stidnitni biex nagħmel id-diskors ta' tifkira fiċ-ċerimonja tal-kxif tal-Monument li sar f'ġieħ Anton Buttigieg fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju, 1985 fil-11 ta' filgħodu.

Il-monument huwa opra ta' skultura mill-isbaħ ta' l-iskultur Anton Agius u l-Monument kien inkixef mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

F'dak id-diskors ma stajtx ma nsemmix lil Ugo Mizzi li kien il-President tal-Kummissjoni li għamlet dak il-Monument u kont temmejt id-diskors tiegħi hekk:

*"U llum f'dan il-waqt ma nistgħux ma niftakrux fil-mibki ħabib tiegħi u ħaten Anton Buttigieg, Ugo Mizzi, li kien il-President tal-Kummissjoni li għamlet dan il-Monument u li jaħasra miet fit-twettiq tiegħu, iżda li ma kellux ix-xorti li jarah lest.*

*"Illum lil Anton Buttigieg għamilnielu monument fil-bronz u fil-ġebel li jibqa' jfakkarna fih għal dejjem. Imma l-aqwa monument tiegħu huwa għemilu, hija ħidmietu għall-fqir, għall-ħaddiem u għall-batut, l-aqwa monument tiegħu hija kitbietu, hija l-poeżija tiegħu li hija mill-isbaħ f'ilsienna, l-aqwa monument tiegħu huwa l-wirt spiritwali li ħallielna."*

## Il-Pellegrinaġġ tiegħi fil-Qala u fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata

Meta ġejt biex inħejji din il-kitba tiegħi għall-ktieb tal-Banda ta' San Gejtanu fuq wieħed mill-Presidenti l-iktar illustri li kellha, għidt li rrid nagħmel pellegrinaġġ ċkejken u nżur il-Qala ta' Għawdex u nimxi fuq dik l-istess art li fuqha rifsu u mxew ir-riġlejn ta' dan il-bniedem li tant għamel ġieħ lil raħal twelidu.

Ħadt miegħi l-ktieb tiegħu *Mill-Album ta' Ħajti* u qrajt il-Kapitlu jismu "David", fejn Anton Buttigieg, bħalma kien ħass il-poeta Taljan Giosué Carducci, meta ġie biex iħalli r-raħal tiegħu, ħass dik l-istess nostalġija tar-raħal tiegħu, fejn twieled u għadda tfulitu.

Jiena u dieħel ir-raħal waqaft quddiem dak il-bust tal-bronz ta' Anton Buttigieg li jinsab quddiem l-Iskola l-ġdida tal-lum u sirt naf li dak il-monument kien sar bit-tħabrik ta' l-istaff ta' l-għalliema tal-Liceo ta' Għawdex, meta kien imexxih il-Mons. Anton Gauci.

U bqajt miexi u rajt id-dar ċkejkna u umli fejn twieled u trabba Anton Buttigieg. Id-dar għadha l-istess dik li kienet u llum fuq il-ħajt tal-faċċata tagħha hemm lapida sempliċi ta' l-irħam li fiha l-kitba:

**Hawn twieled**
**u għadda tfulitu**
**il-Poeta**
**Dr. Anton Buttigieg**
**B.A., LL.D.,**
**President ta' Malta**
**Repubblika**
**1912 – 1983**



**Il-Qabar ta' Anton Buttigieg fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.**

Imbagħad dħalt il-Knisja tal-Qala u sibt xi tnejn jew tliet irġiel li kienu qiegħdin ifarfru l-ħitan mit-trab għall-festa li ġejja ta' San Ġużepp. Magħhom kien hemm l-Arċipriet Dun Anton Refalo. Imma fost it-tlitt irġiel l-oħra, kien hemm Dun Mikiel Buttigieg, li kien qed jagħti daqqa t'id fit-tindif ukoll. Introduċejt ruħi u d-diskors ġie fuq Anton Buttigieg. Dun Mikiel qalli li Anton Buttigeg jiġi prim kuġin miegħu u qalli li Anton Buttigieg kien ta lill-knisja tal-Qala salib kbir tal-ġewż, maħdum f'Bolzano u li jinsab fuq l-artal tal-kappellun tax-xellug tal-Knisja, inti u tħares lejn l-artal maġġur. Dun Mikiel qalli li Anton Buttigieg kien għamel dak is-Salib bħala wegħda fil-marda ta' martu Carmen.

Mort nara s-Salib fil-kappellun tal-ġenb u qgħadt naħseb u fhimt kemm

Anton Buttigieg kien bniedem profondament reliġjuż, tant li wkoll id-diskorsi tiegħu kienu ħafna drabi mimlija bi frażijiet bibliċi u mimlija b'sens u sentiment reliġjuż. Rajt li s-Salib, li hu l-qofol tat-twemmin Nisrani huwa tant marbut mal-ħajja ta' Anton Buttigieg, is-salib li fuqu huwa wkoll issallab fil-mard tiegħu u ftakart imbagħad fl-irħama li tgħatti l-qabar tiegħu fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, dak il-qabar sempliċi li hu tefgħa ta' ġebla mill-qabar tal-familja tiegħi. U mort pellegrinaġġ żgħir saċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, fuq il-qabar ta' Anton Buttigieg biex nerġa' nara dik il-poeżija sublimi li huwa kiteb waqt il-marda tiegħu, xi ftit snin qabel ma miet, u tajjeb li nqiegħed fi tmiem din il-kitba tiegħi din il-poeżija, li hija ġawhra oħra ta' poeżija u li tiġbor fiha t-twemmin sħiħ Nisrani, it-tama u r-rassenjazzjoni tal-poeta Anton Buttigieg:

## *Is-Salib*

*Sew kif xtaqt int Ġesù,*
*jien erfajt salibi*
*u mxejt warajk.*

*Iżda issa l-mard waqqafni*
*ħadli s-Salib minn spallti,*
*waħħlu ma' l-art*
*u lili sallab fuqu.*

*Ġesù,*
*m'għandix ix-xorti*
*li nkun imsallab*
*bik ħdejja f'Salib ieħor*
*iżda għall-anqas għidli*
*f'xi ħin*
*"Illum tkun miegħi*
*ġo dar Missieri".*

*16-10-80* *Anton Buttigieg*

REFERENZI:

1. Il-Berqa.
2. Anton Buttigieg *Mill-Gallerija ta' Żgħożiti.*
3. Anton Buttigieg *Mill-Album ta' Ħajti* – L-Ewwel Ktieb – Toni tal-Baħri.
4. Sir Arturo Mercieca *Le Mie Vicende.*
5. Ġużè Aquilina u P.P. Saydon *Ward ta' Qari Malti.*
6. John Manduca – Malta Who's who 1969/70.
7. Tagħrif dwar il-Kitba Maltija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
8. Il-Ktieb tal-Festa tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu 1985.
9. Il-Ktieb tal-Festa tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu 1986.



Nhar l-Erbgħa, 18 ta' Mejju, 1994, fis-sala t'isfel tal-Każin San Gejtanu, sar coffee morning mill-Kumitat responsabbli għall-ġbir ta' fondi għall-Parroċċa ta' San Gejtanu. L-attendenza għal din l-attività kienet waħda nkoraġġanti ħafna.

